# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur. Law), Dip.Trib. Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 751/2007/LSO**

**Claudine Tesi (ID Nru: 560085M)**

**vs**

**Hugh Vella (ID Nru: 518282 M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Claudine Tesi [ID nru: 560085 datat 12 ta' Lulju 2007 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenti kienet gharusa ma' l-intimat konvenut u dan ghal zmien konsiderevoli;

Illi l-kontendenti kienu xtraw u akkwistaw il-fond terran numru mija erbgha u tletin (134) qabel mija u erbghin (140) gja numru mija u erbgha (104) ittra A (104A) qabel kellu n-numru mija erbgha u erbghin (144) Triq l-Arkata gia Strada Loggia, Rahal il-Gdid minghand Carmen mart George Farrugia, Maria mart Anton Attard Bezzina, u Victor Bugeja ilkoll ahwa u wlied il-mejtin Emanuel Bugeja u Angela nee` Cioffi u dan kif jirrizulta mill-anness kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar pubbliku Charles Vella Zarb datat 1 ta' Ottubru 2004 hawn immarkat bhala Dok A;

Illi wara certu zmien l-gherusija taghhom thassret irrevokabbilment;

Illi in segwitu bdiet issir pressjoni kbira fuq l-esponenti sabiex din tassenja sehemha mill-propjeta' lill-intimat;

Illi in effetti ukoll ghandu jinghad illi l-esponenti f'dan l-istadju kienet qed tbati minn dipressjoni serja tant li kienet fuq kura psikjatrika u ma kinitx f' pozizzjoni tirreagixxi b'mod kawt;

Illi in effetti l-konvenut ghamel pressjoni u koerzjoni morali kbira fuqha sabiex tiffirma dan il-konvenju hawn esebit u mmarkat bhala Dok B;

Illi in effetti ir-rikorrenti intrabtet u obbligat ruhha li tittrasferixxi sehemha versu l-hlas ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin [Lm7,500] meta l-propjeta' *de quo* tiswa vicin il-hamsin elf lira Maltin [Lm50,000];

Illi wara kollox ir-rikorrenti minn hlas ta' sebat elef lira Maltin ghandha tithallas biss is-somma ta' elfejn lira Maltin [Lm2,000] kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt;

Illi minhabba fic-cirkostanzi u kif ser jigi ippruvat fis-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza l-kunsens tar-rikorrenti kien ivvizzjat u *quindi* l-istess kuntratt huwa null;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-kunsens ta' l-esponenti kien ivvizzjat minhabba koerzjoni morali qawwija u dan *ai termini* ta' artikolu 966 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tirrixendi l-konvenju u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Hugh Vella (ID no 518282 (M) datata 24 ta' Awwissu 2007 (fol 19) fejn espona :

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju n-nullita' tar-rikors promutur u dan *stante* illi galadarba r-rikorrenti qed tippremetti illi l-konvenju datat ghoxrin (20) t'April 2007 mhux validu ghaliex ir-rikorrenti hija persuna mhux kapaci u qieghda taht kura psikjatrika, konsegwentement bhala

persuna mhux kapaci, hija ma setghetx tistitwixxi din il-kawza minghajr ma tigi assistita jew debitament rapprezentata. *In vista* tal-premessi u t-talbiet tar-rikorrenti l-istess rikorrenti kellha qabel xejn tigi inabilitata jew interdetta u jigu nominati kuraturi sabiex jassistuha jew jirrapprezentawha f' din il-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, ir-rikorrenti fid-data tal-konvenju kienet kapaci tikkontratta, tidhol f' obbligazzjoni u taghti l-kunsens taghha galadarba hija ma kinetx persuna interdetta jew inabilitata u kif ukoll ma kienet qed issoffri minn ebda dipressjoni u lanqas ma kienet affetta minn pressjoni jew koerzjoni morali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ebda koerzjoni morali u pressjoni ma giet imposta fuq ir-rikorrenti mill-intimat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Claudine Tesi pprezentata *seduta stante* fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, a fol 240 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Hugh Vella datata 12 ta' Mejju 2015 a fol 251 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-9 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Veronique Dalli ghall-attrici prezenti u Dr Michael Grech ghall-konvenut prezenti. Id-difensuri tal-partijiet ghamlu referenza ghan-noti rispettivi taghhom u qablu li din l-kawza tista' tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza fejn l-attrici talbet ir-rexissjoni ta' konvenju datat 20 ta' April 2007. (Dok B a fol 4) fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef. Hi talbet li dan il-konvenju bejn il-partijiet jigi dikjarat null, peress li l-kunsens taghha kien ivvizzjat minhabba koerzjoni morali *ai termini* tal-artikolu 966(b) tal-Kap 16. L-intimat oppona ghat-talba attrici billi eccepixxa n-nullita` tar-rikors *stante* li kemm il darba l-attrici ma setghetx tikkuntratta, lanqas setghet tistitwixxi din il-kawza minghajr ma tigi debitament rapprezentata. Gie eccepit ukoll li l-attrici fid-data tal-konvenju kienet kapaci tikkuntratta u taghti l-kunsens u ma kien hemm l-ebda koerzjoni morali.

### Fatti

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attrici u l-konvenut kellhom relazzjoni u xtraw il-fond terran numru 134, Triq l-Arkata, Rahal il-Gdid permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 1 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb. Wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom huma ltaqghu fl-ufficju tan-Nutar Bartolomeo Micallef fl-20 ta' April 2007, fejn l-attrici obbligat u ippromettiet li tittrasferixxi sehemha ta' nofs (1/2) indiviz minn dan il-fond favur Hugh Vella, l-konvenut, versu l-prezz ta' sebat elef, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm7,250) li minnhom kien ser ihallas elfejn Liri Maltin (Lm2,000) filwaqt li ntrabat li jhallas sehemha mid-dejn. L-attrici sostniet li ffirmat dan il-konvenju abbazi ta' pressjoni u koerzjoni morali peress li kienet qieghda tbati minn dipressjoni dak iz-zmien.

**Xhieda Rilevanti:**

**Claudine Tesi,** l-attrici, xehdet (affidavit a fol 25 tal-process) u qalet li kienet tohrog mal-intimat Hugh Vella u ftit taz-zmien wara xtraw dar flimkien. Semmiet li f' Marzu 2006 bdiet thoss sintomi ta' dipressjoni u bdiet tiehu l-kura ghand il-Psikjatra Dr. Anton Grech. Din is-sitwazzjoni kompliet sa Marzu 2007 meta temmet ir-relazzjoni minhabba d-dipressjoni u l-ansjeta`. Wara li ntemmet ir-relazzjoni taghhom, il-konvenut kien qalilha biex jiltaqghu ghand in-Nutar, biex jirrangaw fuq id-dar, fejn semma li ried jixtri sehemha u kien ser itiha l-ammont li harget hi. Kompliet tghid li marret wahedha ghand in-Nutar."*Niftakar li meta mort hemmhekk kont bezghana hafna kif warakollox kont inkun fil-granet kollha. Kelli l-istonku qed jugghani hafna, kont qed nagita ruhi u kelli attakk ta' paniku kbir u*

*anzjeta' minghajr ebda raguni."*Ghand in-Nutar kienet mahkuma minn paniku u biza' ffirmat il-konvenju fejn hija bieghet sehemha mid-dar fi Triq l-Arkata Rahal il-Gdid lil Hugh Vella. Hi qalet li n-Nutar gholla lehnu maghha u qalilha li jekk ma tiffirmax kienet ser tbaghti l-konsegwenzi u aktar qabadha paniku u biza."*L-unika haga li ridt dik inhar kien li nitlaq il-barra u nehles minn din is-sitwazzjoni."*

In **kontro-ezami** (fol 187-195[1]) qalet li f'April 2007 kienet tahdem bhala *cleaner* mal-Phoenicia. Ikkonfermat li dakinhar tal-kuntratt tad-dar harget elfejn Liri Maltin (Lm2,000). Qalet li ma tiftakar xejn dwar meta marret ghand in-Nutar u x'gie miftiehem u ma tiftakarx jekk inqrax il-konvenju min-Nutar u li minhabba d-dipressjoni li ghaddiet minnha mill-2004 sal-2006 ma tiftakar xejn. Mistoqsija kif tiftakar dak li qalet fl-affidavit taghha, qalet li meta beda dan il-kaz bdiet tigi f'taghha. Iktar tard qalet li tiftakar lin-Nutar jaqra l-konvenju, u li fl-2007 meta ffirmat il-konvenju kienet qed tibda tigi f'taghha bil-mod. Semmiet ukoll li marret ghand il-Psikjatra Dr. Peter Muscat tlett darbiet.

**Dr. Anton Grech** (xhieda a fol 48[2]) ikkonferma li Claudine Tesi kienet pazjenta tieghu u l-ewwel darba li ra kien fil-25 ta' Awwissu 2006, u l-ahhar li ra kien fl-1 ta' Ottubru 2008. Semma li fl-ewwel okkazzjoni li ra, hija diga kienet tiehu medicina u kien ta xi haga iktar qawwija proprju minhabba l-ossessjonijiet u l-ansjeta`. Qal li min ikun ghaddej minn depression u anzjeta' ikun aktar vulnerabbli li jigi influwenzat. Ma setax jghid f'dan il-kaz jekk Claudine Tesi

[1] Seduta tal-31 ta' Mejju 2013
[2] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2009

hadet decizjoni biex tehles minn sitwazzjoni ghax ma kienx jaf ic-cirkostanzi ezatt.

In **kontro-ezami** (fol.204) qal li hu m'ghamilx ezami fuq l-attrici biex jara jekk hix kapaci tidher f'kuntratt jew le, izda ma jidhirx li kellha psikozi jew *dementia*. Madanakollu b'mod generali jekk xi hadd ikun ghaddej minn dipressjoni, ikun aktar sussettibbli ghall-pressjoni ta' haddiehor. Xehed li ma jafx x'gara dakinhar tal-kuntratt u ghalhekk ma setax ighid li Claudine Tesi giet influwenzata. Semma li l-ahhar darba li ra f'Novembru 2010, ma semmieltu xejn dwar il-konvenju. Ikkonferma li b'kollox raha f'sitt sessjonijiet u fl-ebda wahda ma kienet maqtugha mir-realta`, dejjem kienet komunikattiva, u kellha l-uzu tar-raguni. Hu kklassifika d-dipressjoni taghha bhala moderata. Ikkonferma wkoll li ma kinitx fi stat li tigi interdetta. Kien kiteb li "*did well with medication after three weeks; back to her normal self but still having doubts about her boyfriend."* Dan kien meta raha f'Marzu 2007.

**Joseph Tesi** (affidavit a fol 53) qal li hu missier l-attrici, u fiz-zmien meta kienet tohrog ma' Hugh Vella bdiet tbati minn dipressjoni, bdiet tibki, tilfet il-piz u tilfet l-entuzjazmu ghall-hajja. Ikkonferma li hija kienet qeghda tmur ghall-kura ghand Dr. Anton Grech, u r-relazzjoni tat-tifla ma' Hugh sussegwentement intemmet.

In **kontro-ezami** (fol 164-166[3]) qal li gieli kellem lil Hugh dwar il-problemi ta' Claudine. Xehed li qatt ma ra lil Hugh jgholli lehnu jew jhedded lil Claudine. Ikkonferma li d-dar li

[3] Seduta tal-21 ta' Gunju 2011

xtraw f'Rahal Gdid kien fiha hafna xoghol x'isir li sar minn Hugh, fejn twaqqghu anke strutturi u kmamar fuq wara. Ikkonferma wkoll li Claudine qatt ma kellmitu dwar x'se taghmel mis-sehem taghha tal-post. Ikkonferma li t-tobba qatt ma qalulu li Claudine kellha tigi inabilitata jew interdetta. Dan hu kkorroborat minn **Anna Tesi** fl-affidavit (a fol 54).

**In kontro-ezami** (fol166-167[4]) **Anna Tesi** qalet li l-perjodu dipressiv ta' Claudine kien beda meta kienet qeghda tersaq lejn iz-zwieg. Qalet li qatt ma rat lil Hugh jhedded, jirrikatta jew jghajjat mat-tifla taghha. Ikkonfermat li t-tobba qatt ma qalulha biex twaqqaf lit-tifla milli tiffirma kuntratti.

**In-Nutar Bartolomeo Micallef** (xhieda a fol 64-66[5]) ikkonferma li l-iskrittura a fol 4 tal-process hu konvenju tieghu. Xehed li kienu marru Hugh u Claudine biex jiffirmaw il-konvenju, wara li kien kellmu Hugh. Qal li dakinhar tal-konvenju hu qralhom u fehmilhom il-konvenju, u mistoqsi jekk lil Claudine bezzaghhiex xi hadd dakinhar, qal li hu zgur ma bezzaghhiex. Hu cahad kategorikament li sforza lil xi parti biex isir il-konvenju u cahad ukoll li gholla lehnu, u qal li kieku l-partijiet ma kinux miftehmin bejniethom ma kinux jersqu ghall-konvenju.

**Audrey Ghigo** (xhieda a fol 67[6]), wara li giet ezentata missigriet bankarju minn Hugh Vella esebiet **DOK AG1** *statements* bankarji ta' *savings account* f'isem Hugh Vella bin-numru 016073439050 li nfetah fl-2004. Esebiet **Dok**

[4] Seduta tal-21 ta' Gunju 2011
[5] Seduta tal-21 ta' Gunju 2010
[6] Seduta tal-21 ta' Gunju 2010

**AG2** *loan account* f'isem Hugh Vella. Esebiet ukoll Dok **GI1** li huwa *home loan*, liema *home loan* kien jithallas mill-kont bin-numru 016073439050 f'isem Hugh Vella.

**Emanuela Vella** (affidavit a fol 141 tal-process) qalet li Hugh kien hadem fid-dar li xtraw u kien ighinu missieru fix-xoghlijiet. Kompliet tghid li hi u zewgha hallsu l-madum kollu tal-art ta' dan il-post. Dan gie kkonfermat minn zewgha **Joseph Vella** (affidavit a fol 142 tal-process).

**Hugh Vella** xehed (affidavit a fol 143) u qal li wara ftit tal-hin li kien qieghed johrog ma' Claudine kienu xtraw dar Rahal Gdid f'Ottubru 2004 u spjega li l-*loan* ghal din id-dar dejjem thallas mill-kont tal-bank tieghu personali. Semma li Claudine kienet telqet mix-xoghol dak iz-zmien u ma kellhiex biex thallas il-*loan*. Qal li d-dar kienet fi stat hazin u mhux abitabbli u ghalhekk kellu jsir hafna xoghol fiha, u nxtara hafna materjal li nxtara minnu stess. Xehed li Claudine kienet tghidlu li thossha ghadha zghira biex tizzewweg u riedet tgawdi. Qal li qatt ma bkiet jew ghamlet xenati quddiemu u ma qaltlux li kienet qeghda tiehu l-pilloli. Spjega kif wara li nfirdu, f' Marzu 2007 kellem lil Claudine biex tghaddilu s-sehem taghha li fil-konvenju tnizzel li kien ta' sebat elef, mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm7,250) u minn dan l-ammont kellha tiehu elfejn Liri Maltin (Lm2,000), l-ammont li hija kienet harget ghad-dar sa dakinhar, u proprju dakinhar ghand in-Nutar hu ghadda erba' mitt Liri Maltin (Lm400) minnhom fi flus kontanti lil Claudine. Zied ighid li dakinhar tal-kuntratt finali Claudine ma resqitx biex tiffirma, hu sussegwentement ipprezenta ittra ufficjali biex hija tersaq ghall-konvenju li giet segwita bil-kaz odjern.

## Rapport tal-Espert Psikjatriku

Din il-Qorti kif diversament presjeduta nnominat lill-Dr Peter Muscat espert psikjatriku minhabba l-allegat vizzju ta' kunsens dovut ghall-dipressjoni u kura psikjatrika.[7] Fir-rapport tieghu pprezentat fit-2 ta' Dicembru 2008, Dr Muscat sab li "*Claudine Tesi gives a clear and accurate history of Major Depressive Disorder*" u kkonkluda li:

"*Her depression was so severe that it rendered her unable to have a clear and sound judgment in what she did when she signed the contract of sale. In all probability she acted rashly and without insight and due discretion in order to get out of a stressful situation which she could not handle at the time when she was so severally depressed.”*

**Dr. Peter Muscat** (fol 224-233[8]) in eskussjoni qal li ra lil Claudine Tesi f’okkazjoni wahda biss tat-23 ta’ Gunju 2008, li damet xi siegha, u l-ezami jkun sar maghha biss. Ikkonferma li r-rapport tieghu hu bbazat fuq dak li qaltlu Tesi stess, u l-medicinali mnizzla wkoll huwa dak li qaltlu hi. Qal li m’ghamilx stharrig u verifiki ulterjuri lanqas ma’ Dr. Anton Grech. Qal li x-xhieda taghha dehritlu li kien genwin u onest.

Mistoqsi dwar dakinhar tal-konvenju hu qal li kienet taf x’qeghda tiffirma pero' tant kienet thossha, kif qalet, qisha lanqas kienet qieghda tezisti, li ma kinitx qieghda tikkonsidra bizzejjed il-konsegwenzi. Persuna fi stat ta'

[7] Digriet tal-11 ta' Dicembru 2007
[8] Seduta tad-29 ta’ Mejju 2014

dipressjoni tkun taf x'qieghda taghmel pero' kieku ma tkunx f'dak l-istat ma taghmlux, u semma' l-ezempju ta' xi hadd li jikkommetti suwicidju minhabba *depression*. Qal li ghalih intervista ta' darba kienet bizzejjed bhala ezami kliniku. Izda dak li qal hu dejjem ibbazat fuq li qalet hi.

Spjega li persuna li tbaghti minn *major depressive disorder* tfieq bil-kura. Meta tkun taht il-kura suppost titjieb. Fiz-zmien tal-kuntratt setghet kienet tajba, setghet kienet aghar. Skont ma qaltlu hi "*at the time she did not even feel that she existed and nothing mattered."*

Ghandu jinghad li skont kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-4 ta' Frar 2009 (fol.43), saret talba li l-periti addizzjonali jigu nominati wara li jinghalqu l-provi.[9]

**L-ewwel eccezzjoni**

Il-konvenut eccepixxa n-nullita' tar-rikors promotur *stante* l-inkapacita' mentali tar-rikorrenti kif hi stess tallega.

**Ikkonsidrat** li skont **l-artikolu 781(b) tal-Kap. Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** huma inkapaci li joqghodu f'kawza persuni li ghandhom diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew imġienen, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak li skont il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur *ad litem.* Inoltre kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi

[9] Nota ghan-nomina tal-periti perizjuri a fol 42 tal-process.

li toqgħod f ’kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa null. (**Art. 787(1) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta).**

Skont l-**artikolu 180(1)(a) tal-istess Kap. Tnax,** atti gudizzjarji jistghu jigu prezentati biss *inter alia,* minn kuraturi fejn huma nominati bhal, ad esempju, kuraturi ta' persuni li huma interdetti jew inabilitati.
Il-piz tal-prova jinkombi fuq il-konvenut ghalkemm qed jistrieh fuq il-fatt li hija l-istess rikorrenti li qed tghid li kienet taht kura psikjatrika u li ma kenitx kapaci.

Madanakollu ma jirrizulta xejn mill-provi li jindika li kellha tigi interdetta jew inabilitata. Anzi dan hu espressament eskluz mill-espert psikjatriku Dr. Peter Muscat u hekk kif xehed ukoll Dr. Anton Grech (a fol 208).

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda in kwantu li hija insostenibbli legalment u fattwalment.

**<u>Vizzju tal-Kunsens</u>**

L-attrici talbet ir-rexissjoni tal-kuntratt *a tenur* tal-artikolu 966(b) tal-Kap16 *stante* li l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba koerzjoni morali qawwija.

Illi jrid jinghad fl-ewwel lok illi l-kunsens f’kuntratt huwa wiehed mill-erba’ rekwiziti essenzjali ta’ kuntratt (**artikolu 966 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**) u kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda minn dawn ir-rekwiziti essenzjali hu

suggett ghar-rexxissjoni (**artikolu 1212 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Dwar il-kunsens l**-artikolu 974** jiddisponi:

"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa."
Illi in kwantu ghall-vizzju fil-kunsens minhabba vjolenza, il-ligi permezz tal-**artikolu 977 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** tipprovdi illi:-

*"Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni hija motiv ta' nullità, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun giet maghmula minn wiehed iehor li ma jkunx dak li favur tieghu tkun saret l-obbligazzjoni."*

Illi l-**artikolu 978 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi meta ghandu jitqies illi kunsens ittiehed bi vjolenza u dan fis-sens illi:-

*"Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.*

*F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Illi huwa car illi fil-kaz in ezami ir-rikorrenti ma hijiex issostni illi kien hemm vjolenza fizika u ghalhekk qeghdin fil-kamp ta' vjolenza morali. Il-Qrati gew diversi drabi affaccjati bi kwistjonijiet ta' din in-natura u f'dan ir-rigward gie ritenut

fid-decizjoni fl-ismijiet **"Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo"** (Vol.XXIX Pt.II pg. 749) illi:-

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi. … Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant".* Ara wkoll **"Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et",** Appell Civili 16 ta' Gunju 1995, **"Emanuel Falzon vs Anthony Farrugia",** Appell 21 ta' April 1997, **"Emanuel Santillo et vs Albert Abela et",** P.A. 14 ta' Frar 2003, u **"Saviour Calleja vs Margaret Buttigieg",** Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru 2002.

Sabiex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera li l-parti li ma kellhiex mod kif tehles mill-vjolenza ezercitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha. (Ara "**Peter Cassar Torreggiani vs Onor. Dominic Mintoff",** P.A. 9 ta' Jannar 2014, u "**Joseph Busuttil vs Anthony Zahra"** P.A. 25 ta' Marzu 2004).

Sabiex it-theddida tkun ingusta, it-theddida trid tkun tikkonsisti f'att ingust u kontra l-ligi. ("**Huber vs Cassar"**, Qorti Kummercjali, 31 ta' Marzu 1932).

Dwar il-vjolenza li tista' taffettwa l-kunsens, gie spjegat fil-kaz "**Carmelo Bonett et vs SueAnne Vella et"** P.A. 29 ta' Novembru 2013:

"………..*la violenza dev' essere di tale natura di fare impressione sopra una persona sensata e farle temere di esporre se` o i suoi beni ad un male ingiusto e notevole."* (Diritto Civile, il-Contratto, Massimo Bianca **Giuffre'** (1998) pag. 620. )

Izda, hekk kif gie enuncjat fil-kaz "**Evan Tony Camilleri et vs Michelina Vella"**, Qorti tal-Appell- 9 ta' Gunju 2003;

*"……mhux kull stat ta' ansjeta` jwassal biex kunsens moghti fuq kuntratt ikun wiehed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi taghmel."*

F'dan l-istess kaz il-Qorti, b'referenza ghat-taghlim tal-**Pothier** kompliet: *"il-vjolenza twassal ghan-nullita` ta' l-att meta tnaqqas il-volonta` libera tal-kontraenti, u kollox jiddependi mill-impressjoni li certa atti jaghmlu fuq il-volonta` tal-kontraenti."*

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami,** il-Qorti hija tal-fehma li l-provi tar-rikorrenti huma karenti fiz-zewg elementi.

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li r-rikorrenti kienet qeghdha tbaghti minn dipressjoni ghall-perjodu anterjuri ghall-iffirmar tal-konvenju u baqghat taht kura psikjatrika ghal zmien wara. Il-psikjatra kuranti taghha, Dr Anton Grech, ghall-ewwel qal li raha ghall-ahhar darba f'Ottubru 2008 imbaghad semma li raha fis-sena 2010. Madanakollu jirrizulta mix-xhieda tieghu li kien ziedilha d-doza medicinali meta bdiet tarah fis-sena 2006 izda wara ftit xhur naqqsilha

d-doza. F'ebda mument ma qal li kienet "*maqtugha mir-realta"* jew ma kellhiex l-uzu tar-raguni.

Il-Qorti tifhem li l-kunsens hieles (il-*libero arbitrio)* li trid il-ligi hija wahda fejn il-kontraent igawdi mhux biss mill-kapacita' intellettwali li jifhem dak li qed jigi mitlub li jaghmel, imma, anke jekk jifhem, huwa hieles biex jiehu decizjoni jekk jaghmilhiex jew le. Dan id-dixxerniment irid ikun prezenti sabiex l-obbligazzjoni guridiku jkun validu.

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti tallega li kienet anzjuza, bezghana u kellha attakk ta' paniku meta kienet ghand in-Nutar. ”*L-unika haga li ridt dik inhar kien li nitlaq 'il-barra u nehles minn din is-sitwazzjoni.”* Dan l-istat emottiv huwa kompatibbli mad-dipressjoni skont kif ikkonferma l-espert tal-Qorti Dr Peter Muscat. Anzi mix-xhieda tieghu jirrizulta li persuna li tbaghti mid-dipressjoni, kif kienet ir-rikorrenti, tifhem dak li qed taghmel izda kieku ma tkunx f'dak l-istat ma taghmlux.

Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-espert nominat kien ezamina lir-rikorrenti meta hi kienet gja marret ghall-ahjar (ir-rapport tieghu hu data it-2 Dicembru 2008) u l-konkluzjonijiet tieghu dwar l-effett ta' dipressjoni fuq il-volonta' taghha meta ffirmat il-konvenju kienu bbazati fuq ir-rakkont taghha.

Ghalhekk ir-rapport u konkluzjoni tal-espert wahidhom ma jistghux jitqiesu li huma konklussivi minghajr provi ohra li jikkorroboraw il-verzjoni tar-rikorrenti.

Fil-fehma tal-Qorti jrid jinghata piz waqqi lix-xhieda tal-psikjatra kuranti taghha **Dr. Anton Grech.** Izda x-xhieda tieghu ma tikkonfortax il-verzjoni taghha tant li xehed li ma setax jghid f'dan il-kaz jekk Claudine Tesi hadet decizjoni biex tehles minn sitwazzjoni ghax ma kienx jaf ic-cirkostanzi ezatti. **In kontro-ezami** rega' kkonferma li ma jafx x'gara dakinhar tal-kuntratt u ghalhekk ma setax ighid li Claudine Tesi giet influwenzata.

Il-Qorti trid tanalizza l-kumpless tal-provi . L-attrici allegat li n-Nutar Bartolomeo Micallef gholla lehnu dakinhar tal-konvenju u ghalhekk skattat certa biza' fiha. Hija sostniet dan kemm fl-affidavit taghha u kif ukoll meta xehdet in kontro-ezami. Din il-Qorti tinnota wkoll li x-xhieda tal-attrici kienet inkonsistenti. Hija semmiet li n-Nutar gholla lehnu maghha dakinhar tal-konvenju u anke gholla lehnu ma' ommha fuq it-telefon, u dan ma ssemmiex jew gie kkonfermat minn ommha.

Fix-xhieda taghha in kontro-ezami Claudine Tesi qalet ripetutivament li ma setghetx tiftakar diversi punti u dettalji li giet mistoqsija dwarhom, meta fl-affidavit taghha u lit-tobba psikjatri dahlet f' diversi dettalji. *Di piu`,* in kontro-ezami qalet li marret ghand Dr. Peter Muscat tlett darbiet, meta hu kkonferma li ra darba biss, u cjoe` fit-23 ta' Gunju 2008 qabel hejja r-rapport mediku tieghu.

Fix-xhieda tieghu n-Nutar cahad kategorikament li hu gholla lehnu mar-rikorrenti dakinhar tal-konvenju. Hu qal hekk:

"*Hi mill-volonta` taghha li ffirmat. Jiena xi nteress ghandi li ngholli lehni. Mhux veru dak."*

"*Assolutament le, kieku ma kinux miftehmin ma kinux jiffirmaw il-konvenju*." (a fol 66).

Din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha twarrab ix-xhieda tan-Nutar li kien car fix-xhieda tieghu u li stqarr li kien qara l-konvenju lill-partijiet.

Meta tkun qeghda tintalab ir-rexissjoni ta' att pubbliku, kif qed isir fil-kaz odjern, il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita` taghha. (Ara **"Ludvic Catania vs Carmel Bianco noe",** P.A. 16 ta' Settembru 2011, u "**Tabone vs Tabone",** Qorti tal-Appell 9 ta' Jannar 2009).

Ta' min ighid li l-allegazzjonijiet mhumiex provi. Fil-kaz in ezami, l-Qorti tosserva li l-grad tal-prova rikjesta mill-attrici ma ntlahqitx. Ma gie bl-ebda mod ippruvat li kien hemm koerzjoni morali, vjolenza morali, jew forom ta' theddid hekk kif rikjest skont il-ligi, meta sar il-konvenju mertu ta' din il-kawza, li seta' vvizzja l-kunsens tal-attrici.

L-ikbar accenn li sar da parti tal-attrici kien dwar l-inkapacita` mentali tal-attrici fil-mument tal-konvenju, b'enfasi akbar fin-nota ta' sottomissjonijiet, fejn anke gie citat il-kaz **Frank Cristiano vs Raymond Portelli** (PA deciz fil-31 ta' Mejju 2004), liema kaz jelenka l-principji li japplikaw f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' att minhabba inkapacita` mentali. Din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan,

izda tissottolinea, illi in principju, l-attrici bbazat it-talba taghha biss fuq l-artikolu 966(b) tal-Ligi, liema artikolu tal-ligi huwa car, u jitratta biss il-kunsens, filwaqt li l-artikolu 966(a) ma ssemma bl-ebda mod fir-rikors promotur. Huwa proprju l-artikolu 966(a) tal-Kap 16 li jitkellem dwar l-inkapacita` mentali. Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' dak imsemmi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li tissottolinea inkorrettezzi risalenti proprju fir-rigward ta' dan is-subinciz tal-artikolu 966 tal-Kap 16.

Huwa pacifiku li l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni u ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssottomettewx ghad-decizjoni taghha. Dan l-apprezzament ifisser li l-indagni tal-Qorti trid tinkwadra ruhha strettament fil-parametri tal-vizzju allegat, liema indagni titlob min-naha tar-rikorrenti, prova a soddisfazzjoni tal-Qorti mhux biss tal-istat mentali taghha fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, imma anke tal-istess att vjolattiv - prova li ma saritx sal-grad rikjest bil-Ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad it-talbiet attrici in kwantu li ma giex ippruvat li l-kunsens taghha moghti fuq il-konvenju iffirmat fl-20 ta' April 2007 kien vizzjat u in segwitu, tikkonferma l-validita' tal-istess konvenju.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ghar-ragunijiet moghtija, **Tilqa' it-tieni u t-tielet**

**eccezzjonijiet** tal-intimat u **Tichad** it-talbiet attrici billi huma guridikament u fattwalment insostenibbli.

**L-ispejjez jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip. Trib. Eccles. Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**